



Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2015/0000(INI)

21.9.2015

OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika:
implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-2015
(2015/0000(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Ernest Urtasun

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-ugwaljanza hija valur fundamentali tal-UE u kundizzjoni meħtieġa għall-kisba tal-miri tal-Ewropa 2020 għall-impjeg u għat-tnaqqis tal-faqar, u li għal dan l-għan jistgħu jikkontribwixxu b'mod sostanzjali l-konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-implimentazzjoni xierqa tad-direttivi tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi;
 - B. billi l-aċċess tan-nisa għas-suq tax-xogħol huwa fattur fid-diversità tal-ħiliet fis-suq tal-impjegi, li l-konsegwenza diretta tiegħu hija l-aċċessibilità għal riżorsi aħjar għall-intrapriżi u għaldaqstant għal kompetittività akbar, għall-impjeg u għat- tkabbir fi ħdan is-suq intern;
 - C. billi n-nisa huma affettwati minn tnaqqis fis-servizzi pubbliċi inklużi s-saħħa, l-edukazzjoni u s-settur tal-abitazzjoni, kemm direttament bħala utenti u impjegati, kif ukoll indirettament permezz tal-appoġġ tagħhom għall-membri tal-familja li jiddependu fuq is-servizzi pubbliċi; billi t-tnaqqis fl-infiq fuq persunal tas-saħħa żied il-piż tal-kura f'ħafna Stati Membri fuq in-nisa li ta' sikwit jaħdmu f'kundizzjonijiet ta' prekarjetà u sfruttament;
 - D. billi r-rata tal-impjeg, u inċidentalment ir-rata ta' tkabbir fis-suq intern tal-UE, parzjalment tiddependi fuq il-kapaċità tal-irġiel u n-nisa biex isibu bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata;
 - E. billi l-kriżi ekonomika u l-politiki ta' konsolidazzjoni fiskali affettwaw lin-nisa b'mod sproporzjonat, b'mod partikolari dawk minn komunitajiet marġinalizzati, nisa żgħażaġh, u nisa li jbatu minn diskriminazzjoni multipla;
 - F. billi s-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi hija waħda mill-miri tal-istrateġija Ewropa 2020, u billi l-investment mill-Istati Membri fl-edukazzjoni b'mod ġenerali, u fin-nisa żgħażaġh b'mod aktar speċifiku, huwa parti integrali mill-baġits nazzjonali tagħhom;
 - G. billi s-suq tax-xogħol u l-ħolqien tal-impjegi għandhom jistinkaw għall-ħolqien ta' impjegi ta' kwalità għolja skont l-aġenda tax-xogħol deċenti tal-ILO;
 - H. billi rati persistentement għoljin ta' qgħad u esklużjoni soċjali fost iż-żgħażaġh madwar l-UE fi snin reċenti wasslu għal distruzzjoni tal-kapital uman u affettwaw in-nisa u l-bniet b'mod sproporzjonat; billi dawn l-impatti fit-tul tal-kriżi ekonomika għandhom jiġu indirizzati b'mod sensitiv għad-differenza bejn is-sessi;
 - I. billi s-sitwazzjoni ekonomika attwali wriet il-ħtieġa ta' koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-politiki makroekonomiċi u baġitarji tal-Istati Membri biex tinkiseb unjoni ekonomika aktar integrata u bilanċjata;
1. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fl-istrateġija Ewropa 2020, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex fl-istrateġija

jintroduċu pilastru ta' ugwaljanza bejn is-sessi u objettiv mifruż dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi;

2. Itenni li l-għan tal-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi u fiskali fl-Istati Membri jista' jinkiseb biss jekk il-politiki dwar l-ugwaljanza jkunu wkoll koordinati;
3. Jilqa' dawn ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż intiżi biex imexxu l-quddiem l-ugwaljanza bejn is-sessi, iżda jitlob inklużjoni akbar tal-perspettiva tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fit-tfassil tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, b'mod speċifiku rigward ir-riformi tas-suq tax-xogħol u b'mod partikolari l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tas-Semestru Ewropew dwar it-tisħiħ tal-prinċipju ta' paga ugwali għall-irġiel u n-nisa permezz tat-trasparenza u l-indirizzar tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa jiġu implimentati mill-Istati Membri; jitlob ukoll li l-gwida speċifika tal-politika ta' ugwaljanza għandha tiġi inkluzja fl-istħarriġ annwali dwar it-tkabbir;
4. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jneħħu r-restrizzjonijiet fuq in-nisa li jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari bl-istabbiliment ta' mekkaniżmi, speċjalment perjodi xierqa ta' liv tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri, li għandhom jiġu standardizzati madwar l-UE, sabiex ippermettu lin-nisa jiksibu bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata;
5. Itenni s-sejħa tiegħu lill-Istati Membri biex jinkorporaw id-dimensjoni tas-sessi fil-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tagħhom u fil-programmi ta' riforma nazzjonali, permezz tal-istabbiliment ta' miri kwalitattivi u ta' miżuri li jindirizzaw disparitajiet persistenti bejn is-sessi li ta' sikwit jirriżultaw f'li n-nisa jsibu ruħhom taħt is-soll tal-faqar fi stadju aktar tard f'ħajjithom, kif ukoll biex sistematikament japplikaw il-prinċipji ta' bbaġitjar bil-ħsieb li jeżaminaw il-programmi u politiki ta' azzjoni attwali, l-effetti tagħhom fuq l-allokkazzjoni tar-riżorsi u l-kontribut tagħhom għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;
6. Ifakkar lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni li l-barrieri li jwaqqfu lin-nisa milli jaċċessaw is-suq tax-xogħol għandhom impatt dirett fuq il-qligħ potenzjali fuq l-investment tal-Istati Membri fl-edukazzjoni;
7. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tiffaċilita l-monitoraġġ tal-miri ewlenin għall-impjieġ u għat-tnaqqis tal-faqar billi titlob li l-Istati Membri jużaw data disaggregata skond is-sess u tiddefinixxi indikaturi addizzjonali speċifiċi skont is-sess; 8. Jenfasizza li l-Istati Membri għandhom itejbu r-rata ta' parteċipazzjoni tat-tfal u ż-żgħażaġħ fis-sistemi edukattivi u għandhom jiffokaw aktar fuq il-problema ta' tluq bikri mill-iskola, b'mod speċjali billi jiġbru informazzjoni dwar ir-raġunijiet ewlenin għat-tluq bikri mill-iskola sabiex jadottaw u jimplimentaw politiki għall-prevenzjoni ta' dan;
9. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fl-użu akbar ta' fondi strutturali għall-investment fi strutturi u servizzi ta' kura pubblika għat-tfal, għall-anzjani u għal dipendenti oħra; jinnota l-impatt sproporzjonat li n-nuqqas ta' investment fi strutturi u servizzi ta' kura pubblika jkollhom fuq ġenituri waħedhom li l-maġġoranza kbira tagħhom huma nisa;
10. Jenfasizza l-ħtieġa għall-prijoritizzazzjoni tal-azzjoni biex jiġu indirizzati l-qgħad, il-faqar

u l-esklużjoni soċjali li jaffettwaw fuq kollox lin-nisa, u li tingħata prijorità lill-impjeg/impjegi ta' kwalità sostenibbli, l-investment u servizzi pubbliċi ta' kwalità li jiżguraw l-inklużjoni soċjali, b'mod speċjali fl-oqsma tal-edukazzjoni, is-saħħa, l-indukrar tat-tfal u ta' persuni dipendenti, it-trasport pubbliku u s-servizzi soċjali;

11. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jfasslu u jimplementaw rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar suġġetti li speċifikament jaffettwaw il-pożizzjoni tan-nisa fis-swieq tax-xogħol, inklużi fost l-oħrajn:
 - i) it-tneħħija ta' ostakli strutturali li n-nisa jaffrontaw biex jidħlu u javvanzaw f'setturi dominati mill-irġiel bħax-xjenza, it-teknoloġija, l-intraprenditorija, il-finanzi u l-ekonomija ekoloġika;
 - ii) l-indirizzar tad-differenza bejn il-pagi u l-pensjonijiet tal-irġiel u n-nisa f'setturi differenti;
 - iii) l-istinkar għaż-żieda tar-rapreżentazzjoni tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet ekonomiċi f'setturi differenti;
 - iv) l-indirizzar tal-ħtieġa għat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet permezz ta' edukazzjoni formali u informali, speċjalment fl-oqsma tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija, il-matematika, l-intraprenditorija, l-ekonomija u l-istudji kummerċjali, kif ukoll il-ħtieġa tat-titjib tal-faċilitajiet għat-tlaqqiġ tal-ħiliet, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja għan-nisa f'xogħlijiet f'setturi differenti;
12. Jinnota li l-kriżi finanzjarja u ekonomika kellha implikazzjonijiet serji għall-isfidi demografiċi li qed taffronta l-Ewropa, inkluż it-tixjiħ tal-popolazzjoni; jinnota li d-differenza bejn il-pensjonijiet tal-irġiel u n-nisa fl-Ewropa hija ta' 39 %; jenfasizza li l-politiki ta' impjeg u t-fassil tas-sistemi ta' trasferiment soċjali għandhom implikazzjonijiet profondi għall-kapaċità tan-nisa biex iħallsu l-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni, u li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għandhom jikkunsidraw dan; jemmen li l-implikazzjonijiet tas-sessi fuq ħajjiet tax-xogħol itwal għandhom jiġu eżaminati;
13. Jistieden lill-Kummissarju/i responsabbli jiddiskuti/u, kull sena, l-aspetti tas-sessi fl-Istħariġ Annwali dwar it-Tkabbir mal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi;
14. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jivvalutaw l-impatt tal-politiki ta' riforma strutturali dwar in-nisa f'komunitajiet marġinalizzati li jbatu b'diskriminazzjoni multipla; jistieden lill-Kummissjoni tfassal rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż speċifikament biex tindirizza l-ostakli li jaffrontaw dawn in-nisa;
15. Huwa mħasseb b'mod profond dwar il-fatt li tnaqqis tal-finanzjament ta' organizzazzjonijiet, istituzzjonijiet u korpi ta' ugwaljanza tan-nisa wassal għal għeluq u tnaqqis sinifikanti ta' operazzjonijiet;
16. Jitlob li linji gwida u proċeduri speċifiċi jiġu inklużi fis-Semestru Ewropew sabiex ikunu żgurati r-responsabilità, il-konsultazzjoni u d-djalogu mal-partijiet nazzjonali ikkonċernati, mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mat-trade unions;

17. Jenfasizza li l-flessibilità tas-suq tax-xogħol m'għandhiex tiegħu post forom ta' protezzjoni soċjali bħal salarji minimi, drittijiet ta' negozjar kollettiv jew drittijiet ta' maternità u paternità, jew tal-preservazzjoni ta' impjiegi siguri u ta' kwalità għolja skont l-Aġenda tax-Xogħol Deċenti; jenfasizza r-rwol importanti tal-involvement tas-soċjetà ċivili, id-djalogu soċjali, it-trade unions u r-rappreżentazzjoni tal-impjegati fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki tas-suq tax-xogħol;
18. Jesprimi t-tħassib tiegħu li d-deregolamentazzjoni u l-flessibilizzazzjoni tar-relazzjonijiet industrijali f'ħafna Stati Membri wasslu għal ksur ta' liġijiet tal-impjieg, inkluża diskriminazzjoni diretta u indiretta kontra n-nisa;
19. Jissuġġerixxi l-involvement aktar mill-qrib tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi fis-Semestru Ewropew;
20. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu aktar biex jużaw l-irkupru mill-kriżi ekonomika bħala opportunità għall-promozzjoni ta' mudell ekonomiku soċjalment u ambjentalment sostenibbli, billi, fost mezzi oħra, jaċċelera l-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi u l-promozzjoni tal-intrapriża soċjali u mudelli kummerċjali alternattivi, bħall-impriżi mutwi u l-kooperattivi;
21. Jenfasizza li n-nisa fl-Ewropa huma rappreżentati żżejjed f'impjiegi part-time, temporanji, b'pagi baxxi u f'impjiegi mhux dikjarati, u li forom prekarji ta' impjieg infirxu matul is-snin reċenti b'riżultat tal-miżuri ta' awsterità inkluża d-deregolamentazzjoni tas-suq tax-xogħol u r-riforma tad-drittijiet tax-xogħol u l-prattiki ta' negozjar; huwa mħasseb profondament li l-livelli ta' faqar fost dawk li jaħdmu żdiedu.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	15.9.2015
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 21 -: 6 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Daniela Aiuto, Maria Arena, Catherine Bearder, Malin Björk, Iratxe García Pérez, Anna Hedh, Mary Honeyball, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Elisabeth Köstinger, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Barbara Matera, Krisztina Morvai, Angelika Niebler, Maria Noichl, Margot Parker, Marijana Petir, Terry Reintke, Liliana Rodrigues, Jordi Sebastià, Michaela Šojdrová, Ángela Vallina, Beatrix von Storch, Jadwiga Wiśniewska, Anna Záborská, Jana Žitňanská
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Biljana Borzan, Ildikó Gáll-Pelcz, Sylvie Goddyn, Constance Le Grip
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Michel Reimon